MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 1123/1991/1

**Amabile Azzopardi**

**vs**

**Anthony Xuereb**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-4 ta' Novembru 1991 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi fil-21 ta Novembru 1989 f'xis-6.20 am wara li l-attur kien ghadu kif hareg mir-residenza tieghu u kien miexi fuq il-bankina f'Fleur de Lys Road, Birkirkara fid-direzzjoni ta' Wejter Street, huwa safa' milqut mill-Coach numru Y-0898 misjuqa mill-konvenut li giet minn warajh , dawritu, u r-rota ta' wara taghha ghasritlu saqajh ix-xellugija max-xifer tal-

bankina fil-waqt illi din il-Coach baqghet miexja u waqfet il-boghod (Dok.A);

Illi l-attur gie rikoverat l-Isptar in vista' tal-griehi gravi li garrab, liema griehi huma ta' natura permanenti;

Illi l-imsemmi incident gara kollu tort tal-konvenut in vista ta' negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku;

Illi l-konvenut naqas li jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kagunati minnu lill-attur minkejja li gie interpellat fil-1 ta' Settembru 1990 u fit-23 ta' April 1991 (Dok. B u C);

Talab li din il-Qorti:

(a) m'ghandhiex tiddikjarah responsabbli ghall-incident stradali tal-21 ta' Novembru 1989 f'Fleur de Lys Road, Birkirkara li fih l-attur safa' mtajjar u midrub mill-konvenut li kien qed isuq il-Coach Y-0898;
(b) m'ghandhiex tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur bil-konsegwenza ta' dan l-incident stradali, inkluz kumpens xieraq ghad-debilita' permanenti kagunata fuq il-persuna tieghu; u
(c) m'ghandhiex tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur d-danni hekk likwidati bl-imghax skond il-ligi sad-data tal-hlas finali.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tad-Dok. B u C u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi l-incident awtomobilistiku de quo ma garax htija tal-eccipjent, u ghalhekk l-ewwel talba tal-attur ghandha tkun respinta.

2. Illi konsegwentement it-tieni talba hija nfondata ghaliex ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur.

3. Illi t-tielet talba ghandha tkun michuda wkoll ghaliex l-eccipjent ma ghandux ikun kundannat ihallas danni lill-attur.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;

Rat id-dikjarazzjonjiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-2 ta' Marzu 1992 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Marco Grixti bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-3 ta' Frar 1997 li permezz tieghu ghall-imsemmi perit legali giet sostitwita l-Avukat Dottor Marse-Ann Farrugia;

Rat id-digriet tas-27 ta' Mejju 1996 li permezz tieghu gie nominat it-tabib kirurgu Frederick Zammit Maempel bhala perit mediku;

Rat ir-relazzjonijiet taghhom debitament mahlufa fis-17 ta' Jannar 2001;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh fi Fleur de Lys Road, B'Kara fejn l-attur safa mtajjar minn coach misjuqa mill-konvenut. Filwaqt li l-attur isostni li kien qieghed fuq il-bankina meta gara l-incident, il-konvenut fis-sottomissjonijiet tieghu jghid li l-attur invada l-arja tat-triq. Fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar ir-responsabbilta`, il-perit legali tghid hekk:

“Fl-umli opinjoni ta’ l-esponent, mill-kumpless tal-provi, jirrizulta illi l-attur kien ghadu kif hareg mid-dar tieghu fetah il-grada u mexa ftit passi meta gara l-incident. Huwa

kien qed igorr xkora imdaqqsa fiha xi zewg piedi b'zewg piedi (daqs investa ta' mhadda) fuq spalltu tal-lemin.

Mill-provi ma rrizultax li l-attur nizel f'xi hin fizikament taht il-bankina. L-attur kien *ex admissi* miexi qiesu pied il-gewwa mit-tarf tal-bankina u ftit passi l-boghod kien hemm zewg tfajliet weqfin mal-hajt, u l-attur kien bi hsiebu jghaddi minn fuq barra taghhom (ara kontro-ezami ta' l-attur). Tenut kont li l-wisa' tal-bankina huwa ta' tlett piedi u nofs u l-istatura ta' l-attur li fih persuna, fl-umli opinjoni ta' l-esponent, waqt li l-attur miexi lejn Wejter Street, l-ixkora li kellu fuq spalltu kienet qieghda in parti tinvadi l-arja tat-triq.

Kien proprju f'dawn il-mumenti li l-konvenut – li kien gej min-naha ta' B'Kara fid-direzzjoni ta' Santa Venera – beda l-manuvra sabiex jghaddi adjacenti ghall-xarabank ohra li kienet gejja mid-direzzjoni opposta. Peress li f'dik il-parti, it-triq tidjieq u fuq in-naha l-ohra tat-triq kien hemm numru ta' vetturi ipparkjati, iz-zewg xarabanks ghaddew issikkati minn ma' xulxin. Kien propju meta z-zewg vetturi kienu ghaddejjin issikkati minn ma' xulxin, li sar l-impatt (ara xhieda konvenut).

Ghalkemm ma jirrizultax li t-tyres tal-bus telghu fuq il-bankina, sabiex iz-zewg xarabanks jghaddu, il-konvenut kellu bil-fors jissikka in-naha tax-xellug tieghu. Kif jirrizulta mir-ritratti tal-bus tal-konvenut, din ghandha l-body jisporgi `l barra mit-tarf estern tat-tyres, u konsegwentement, fl-umli opinjoni ta' l-esponenti, meta l-konvenut issikka t-tyres mal-bankina parti mill-body tal-bus certament invadiet l-arja tal-bankina.

Indipendentement minn jekk il-bieba tal-vettura tal-konvenut kienitx miftuha jew le, mill-provi jirrizulta li parti mill-body tal-vettura laqtghet l-ixkora li kien qed igorr l-attur, u possibilment lill-attur ukoll, u b'dik id-daqqa l-attur tilef il-bilanc, irrombla lura mal-body u siequ inqabdet mar-rota ta' wara. Ghalkemm mill-provi ma jirrizultax b'mod konklussiv fejn kien l-ewwel *point of impact,* in-nickel mal-genb tal-bus probabbilment tqaccat b'impatt ma' l-ixkora

u/jew mal-persuna ta’ l-attur meta siequ zelqet taht il-bankina u intrifset bir-rota ta’ wara.

Dan jispjega ghaliex il-konvenut qatt ma lemah lill-attur qabel ma laqtu – appuntu ghaliex kien mohhu fil-bus li kienet gejja mill-faccata, u jispjega wkoll kif, ghalkemm l-attur seta’ ghamel ftit passi, huwa rrombla lura u spicca ftit centimetri mill-faccata tad-dar tieghu.

L-esponent jidhrilha li kieku l-attur ma kienx qed igorr l-ixkora li in parti invadiet parti mit-triq kien ikun il-konvenut unikament responsabbli ghall-incident.

Ghaldaqstant l-esponenti hija tal-fehma li fid-dawl tal-provi u tal-principji u sentenzi in materja msemmija aktar `l fuq, ir-responsabbilita’ ghall-incident ghandha tkun allokata in kwantu ghall-90% lill-konvenut u 10% lill-attur."

Minn ezami li l-Qorti ghamlet tal-provi kollha migbura u apparti kull konsiderazzjoni matematika, taqbel li parti mit-tort ghall-incident ghandha tigi attribwita lill-attur stess li, *ex admissis*, ighid li meta hareg mid-dar u telaq jimxi kien qisu pied 'il gewwa mit-tarf tal-bankina, u dan meta kien qieghed igorr xkora fuq spallejh, li jfisser li xi invazjoni minima tat-triq kien hemm. Mill-banda l-ohra l-konvenut li kien gej minn wara l-attur kellu jaghti l-attenzjoni mehtiega kemm ghax-xarabank li kienet gejja mid-direzzjoni opposta kif ukoll ghan-nies li kien hemm fuq il-bankina. L-attur ma kienx l-unika persuna fuq il-bankina. Difatti huwa evidenti mix-xiehda tal-konvenut li huwa kien attent biss ghax-xarabank li kienet gejja u lanqas kien induna li kien laqat persuna; kienu l-passiggieri mieghu li bdew jghajtulu biex jieqaf. Indikazzjoni ta' kemm il-konvenut kien thaxken mal-bankina kien il-kumment ta' wiehed mill-passiggieri dwar kif iccaqlaq jew inqabad barmil taz-zibel meta x-xarabanks ghaddew biswit xulxin - peress li ma kienx induna mill-ewwel li kien intlaqat bniedem. Nuqqas iehor tal-konvenut jirrizulta mill-fatt li huwa baqa' ghaddej bl-istess velocita` anke fil-mument li ghaddiet ix-xarabank l-ohra. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li l-perit legali kienet korretta meta akkollat 90% tar-

responsabbilta` fuq il-konvenut u 10% fuq l-attur. Ghalhekk il-Qorti se tghaddi biex tillikwida d-danni.

Kwantu ghad-*damnum emergens*, l-attur ma pproduca l-ebda prova u ghalhekk ma jista' jigi likwidat l-ebda ammont (f'dar-rigward issir referenza ghall-konsiderazzjonijiet tal-perit legali).

Dwar il-*lucrum cessans*, jirrizulta li l-attur kellu 62 sena meta gara l-incident. Bniedem li hu pensjonant xorta ghandu s-setgha li jahdem, u din is-setgha ghandha wkoll valur ekonomiku. Wara li l-Qorti ezaminat il-provi relattivi u l-konsiderazzjonijiet tal-perit legali, hija tal-fehma li ghall-ghanijiet ta' din il-kawza ghandha tiehu tali valur daqslikieku kien bhall-paga minima nazzjonali li llum hija ta' tlieta u tmenin liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu[1] (Lm53.88) fil-gimgha, jew elfejn tmien mija u wiehed liri u sitta u sebghin centezmu (Lm2,801.76).

Meta tqis l-eta` ta' l-attur u l-fatt li l-incident sehh fl-1989 filwaqt li qieghed jittiehed ghall-finijiet tal-komputazzjoni tal-valur ekonomiku il-paga minima nazzjonali tallum, il-Qorti hija tal-fehma li *multiplier* xieraq ikun ta' tmien snin. Billi ghaddew erbatax-il sena mid-data ta' l-incident, mhuwiex se jsir l-ebda tnaqqis ghal *lump sum payment*. Skond ir-rapport ta' l-espert mediku, l-attur ghandu debilita` permanenti ta' sebgha u ghoxrin fil-mija (27%). In vista ta' l-apporzjonament tar-responsabbilta`, l-attur huwa intitolat ghal 90% mill-valur totali. Ghalhekk is-somma li tirrapprezenta l-*lucrum cessans* li ghalih hu intitolat l-attur jinhadem hekk:

Lm2,801.76 x 8 x 27% x 90% = Lm5,446.62.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici limitatament kif indikat u ghalhekk:

[1] A.L. 418/2003

(1) tiddikjara lill-konvenut responsabbli fi proporzjon ta' 90% ghall-incident stradali tal-21 ta' Novembru 1989 fi Fleur de Lys Road, Birkirkara li l-attur safa' mtajjar u midrub mill-konvenut li kien qed isuq il-coach Y-0898,
(2) tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur bil-konsegwenza ta' dan l-incident stradali fl-ammont ta' Lm5,446.62,
(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm5,446.62 hekk likwidata bl-imghax millum.

Bl-ispejjez li jithallsu kwantu ghal 90% mill-konvenut u kwantu ghal 10% mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------